**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 17/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/07/'13** **300**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/07/'13** **355**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Assenti: Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli

1.05 Skużati: Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (rif. Inc. 4067/13).

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Lulju 2013. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament – Proġett tal-*Public Private Partnership*
4. Aġġornament – Dar ta' l-Anzjani
5. Aġġornament – Festa Titolari ta' San Ġiljan
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 16/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 16/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 30/KA1/13 u 31/KA1/13 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3626 & 3537 | Korrispondenza rigward permessi tal-krejnijiet online. |
| 3722 | Email mingħand Transport Malta rigward talba għal żewġ *sleeping policemen* fi Triq il-Kbira fil-ġenb tal-pjazza. |
| 3728 | Email mingħand il-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura rigward is-servizz addizzjonali ta' knis u ħasil tat-toroq f'Paceville u San Ġiljan. |
| K816,K851, 3676, K852, | Korrispondenza rigward l-impjegati tal-Kunsill. |

3717,K863,
3724, K905,
3949, 4021&
K0941

3772,3922 K914 Korrispondenza dwar rampa perikoluża fit-Triq B'Kara San Ġiljan.

3801 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 16/2013 – Kontribut finanzjarju ta' Kunsill Lokali għal xiri ta' materjali edukattiv għall-iskejjel.

3914 Kwotazzjoni mingħand is-Solidbase Laboratory Ltd għal xi testijiet li hemm bżonn isiru minħabba l-*crack monitoring.*

3999 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward proposta għal subscription ta' The Times of Malta.

4016 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 18/2013 – European Mobility Week – Car Free Day 2013 Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali – Clear Air – It's Your Move!.

4067 Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward l-attendenza tagħha għal-laqgħa tal-Kunsill.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: 3626 & 3537**

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward permessi tal-krejnjiet *online.* Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jiftaħ *merchant account* m*a*l-banek HSBC u Bank of Valletta.

**Rif. Nru. 3728**

2.03 B'riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għat-Transport u Infrastruttura rigward is-servizz addizzjonali ta' knis u ħasil tat-toroq f'Paceville u San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li ssir talba sabiex fil-programm tal-hasil jiġu nklużi Triq Spinola u Triq San Ġorġ in-naħa tal-Plant Studio.

**Rif.Nru. K816,K851,3676,K852,3717,K863,3724,K905,3949, 4021 & K0941**

2.04 Saret riferenza għat-talba li saret lid-Dipartiment biex jiżdied l-istaff tal-Kunsill minħabba l-esiġenzi tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta

din il-materja u wara li ha nkunsiderazzjoni li mill-impjegati li għandu ta' hames skrivani hemm tnejn minnhom jaħdmu '*reduced hours'* fuq bażi ndefinit, waħda minnhom hija ukoll bil-maternity leave sa l-aħħar ta' Settembru 2013 filwaqt li impjegata oħra toħroġ bil-maternity leave minn Novembru 2013 'l quddiem, u minhabba l-volumm tax-xogħol ġie deċiż unanimament li :

a) Il-Kunsill jibqa' isostni li jiżdiedu żewg ħaddiema oħra.
b) Iż-żewġ ħaddiema jiġu mpjegati fuq *notch* fi skala 15 skont il-*human resources regulations*.
c) Il-Kunsill fil-preżent lest li jsib il-mezzi biex jitħallsu dawn iż-żewġ ħaddiema li jiġu mpjegati.

2.05 **Rif Nru. 3772, 3922 & K914**

Saret riferenza għall-korrispondenza rigward ir-rampa perikoluża fi Triq B'Kara San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li din il-materja terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

2.06 **Rif Nru. 3801**

Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 16/2013 – Kontribut finanzjarju ta' Kunsill Lokal għal xiri ta' materjal edukattiv għall-iskejjel.

2.07 Il-Kunsillier Anthony Grech wasal fit-3.30p.m.

2.08 **Rif Nru. 3914**

Saret riferenza għar-rapport inkluż il-kwotazzjoni mingħand is-Solidabase Laboratory Ltd għall-***Proposal for Structural Assessment of Ground Floor and Basement Floor – 1***. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill sabiex jingħata parir legali dwar jekk f'dan l-istadju għandux jiġi nfurmat l-Assoċjazzjoni tal-binja u jekk l-ispiza għandux jerfaħha biss l-Kunsill. Risposta lis-*Solid Base* biex isiru t-testijiet tinbagħat wara li l-Kunsill jingħata l-parir ta' l-Avukat.

2.09 **Rif Nru. 3999**

Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward proposta għal *subscription* ta' The Times of Malta. Ġie deċiż unanimament, li jiġi vverifikat jekk jistax jkun hemm aċċess għal-Kunsilliera individwali / Segretarju Eżekuttiv barra l-

ħin ta' l-Uffiċċju. Jekk jirriżulta fil-pożittiv il-Kunsill japplika għall-pakkett li qed jiġi offrut.

2.10 **Rif Nru. 4067**

B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward l-attendenza tagħha għal-Laqgħa ta' Lulju, ġie deċiż unanimament li tiġi skużata.

## 3. Aġġornament – Proġett tal-*Public Private Partnership*

3.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill:-

a) għar-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Ara Inc. 3723/13 – Appendiċi 'C') fejn il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment m'huwiex f'pożizzjoni li jgħolli l-għajnuna finanzjarja mwiegħda lill-Kunsill iżda jaċċetta li titnaqqas triq.

b) li d-Dipartiment ġie nfurmat li t-toroq li mhumiex ser isiru huma Triq Wilġa u Sqaq is-Siġra (Ara K0912/Proj.Fl-PPP/13-MC – Appendiċi 'D').

c) Saret laqgħa ma' l-MP&DC fil-preżenza tas-Sur Albert Borg dwar is-sitwazzjoni filwaqt li kemm il-Perit kif ukoll is-Sur Borg ġew infurmati bil-miktub biex tittieħed l-azzjoni neċċessarja biex ikun jista' jitkompla x-xogħol. (Ara K0940/Tend.Fl/13-CS – Appendiċi 'E').

## 4. Aġġornament – Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2013 mal-Ministru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali, l-Onor. Marie Louise Coleiro Preca u mas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva', l-Onor. Dr. Franco Mercieca.

4.02 Għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Onor. Dr. Franco Mercieca, is-Segretarju Privat tiegħu s-Sur Frans Ghirxi, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Helen Walker u l-Periti tal-Kunsill (MP & DC) Stephen Farrugia u Melissa Giordimaina. L-Onor. Marie Louise Coleiro Preca u s-Sindku Peter Bonello kienu skużati għal din il-laqgħa.

4.03 L-iskop ta' din il-laqgħa kienet biex il-Kunsill jispjega l-proġett li għandu l-ħsieb li jwettaq tad-Dar ta' l-Anzjani inkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u car park pubbliku, li l-proċess tiegħu kien ilu li beda mis-sena 2009. Waqt din il-laqgħa l-Perit Stephen Farrugia għamel preżentazzjoni tal-proġett u ta spjegazzjoni fid-dettal.

4.04 L-Onor. Mercieca spjega li l-Gvern għandu l-hsieb li fil-ġimgħat li ġejjin joħroġ sejħa tal-espressjoni ta' interess għal Public Private Partnership għal kura fit-tul ta' l-anzjani, fuq skala nazzjonali fejn il-Gvern ikun qed jevalwa dan l-interess. Hu ssuġġerixxa li jkun tajjeb li l-Kunsill ukoll joħrog sejħa simili għall-proġett tiegħu biex b'hekk flimkien mal-Kunsill tkun tista' tiġi sottomessa applikazzjoni għal mas-sejħa tal-espressjoni ta' interess li joħroġ il-Gvern.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament mas-sejħa pubblika li saret u li tagħlaq fit-8 ta' Awwissu 2013.

4.06 Nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2013, saret laqgħa l-MEPA dwar il-PC application b'riferenza NHLP/PC/18 (Inc. Ref. 3707/13 – Appendiċi 'F'). Għal din il-laqgħa kienu preżenti, għall-MEPA, il-Perit Joe Scarpello, il-Perit Peter Cefai u s-Sur Jeremy Portelli. Għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Peter Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Perit Stephen Farrugia. Wara li l-Perit tal-Kunsill ta preżentazzjoni tal-proġett, il-Kunsill ingħata l-parir li tiġi emendata l-'outline application' billi tiddaħħal site plan ġdida li tinkludi s-siti kollha tal-policy. Il-Perit diġa ġie nfurmat biex jieħu l-azzjoni neċċessarja (Ara K0934/Proj.Fl/13-CS – Appendiċi 'G').

## 5. Aġġornament – Festa Titolari ta' San Giljan

5.01 Saret riferenza għall-parir legali li ngħata l-Kunsill dwar il-ftehim li kien sar mal-bejjiegħa li jarmaw fil-festa titolari (Ara Inc. Ref 3684/13 – Appendiċi 'H'). Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jibqa' fuq l-parir legali tal-Avukat u li kollox jibqa' kif inhu fil-preżent.

## 6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

6.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta'  Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru.  3440 sa 3445 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘J’).

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3440 sa 3445.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8. Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

a) Is-Sibt 27 ta’ Lulju 2013 ser issir laqgħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ma’ l-Arriva, il-Pulizija, il-Kappillan u l-baned rigward il-festa titolari.

b) il-Kanonku Dun Karm Calleja ser jiċċelebra s-sittin sena anniversarju milli jqaddes u li l-Kunsill kien mistieden għal din iċ-ċelebrazzjoni.  Ġie deċiż unanimament li għal din l-istedina tingħata tifkira ta’ madwar € 120.00.

8.02 Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport l-Onor. Dott. Stephan Buontempo biex jiġi diskuss is-sitwazzjoni preżenti tal-Kumpless Dun Anton Sciberras.

8.03 l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 8 ta’ Awwissu 2013 fis-2.00p.m.  filwaqt li dik ta’ Settembru ser issir il-Hamis 26, fis-2.00p.m.

8.04 Il-laqgħa ntemmet fil-4.40p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |